

# Nistgħu nerġgħu ngawdu l-festi flimkien

**L-Onor. Dr Jonathan Attard**
*Il-Ministru għall-Ġustizzja*



Għeżież, huwa ta' pjaċir kbir għalija li għall-ewwel darba qiegħed inwassal dan il-messaġġ fil-ktejjeb maħruġ mill-Għaqda Mużikali Imperial, fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina.

Wara sentejn ta' stennija għall-festi parrokkjali minħabba l-pandemija, issa wasal iż-żmien daqstant mistenni għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-festi, biex jinżlu bi ħġarhom sabiex igawdu dan iż-żmien li jġib miegħu tant għaqda u ferħ bejn in-nies tal-lokal.

Personalment, minkejja li ma trabbejtx il-Mellieħa, iżda llum miżżewweġ u ngħix f'din il-lokalità, il-festa ta' Marija Bambina hija ferm għal qalbi. Fil-fatt tul dawn l-aħħar għexieren ta' snin dejjem kont preżenti għall-attivitajiet tal-festa organizzati fil-Mellieħa b'mod speċjali dawk organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial. Hawn stajt napprezza mill-qrib id-dedikazzjoni, il-volontarjat u l-impenn ta' din l-għaqda kemm lejn il-membri tagħha kif ukoll lejn il-komunità kollha.

Ma rridux ninsew li minkejja li matul l-aħħar żminijiet dawn l-għaqdiet, bħal kulħadd, għaddew minn żmien diffiċli, xorta waħda baqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħhom bla waqfien. Dan biex kemm jista' jkun xorta jibqgħu jżommu l-atmosfera ta' madwarna waħda normali, u dan jagħmel unur kbir lil dawn l-għaqdiet. Ejjew issa ningħaqdu flimkien sabiex niċċelebraw din il-festa tant għal qalbna.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-President is-Sur Josef Borg, lill-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial tal-ħidma bla waqfien tagħhom u lill-familjari tagħhom tas-sapport kontinwu.

F'ismi u f'isem il-familja tiegħi nawgura minn qalbi l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha.

*Inħarsu l-ambjent naturali ta' pajjiżna*




Angela Theuma

*54, Dun Franġisk Sciberras Street,*
*Mellieħa, Malta*

*angelatheuma@gmail.com*
*(+356) 99881467 / 27432763*